



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 176/22

il-Lussemburgu, 8 ta' Novembru 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-873/19 | Deutsche Umwelthilfe (Approvazzjoni tal-vetturi bil-mutur)

L-assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-ambjent rrikonoxxuti għandhom ikunu jistgħu jikkontestaw permezz ta' proċedura ġudizzjarja approvazzjoni tat-tip CE ta' vetturi mgħammra b'"tagħmir ta' manipulazzjoni" li jista' jkun ipprojbit

Software mgħammar fuq vetturi diżil u li jnaqqas l-effettività tas-sistema ta' kontroll tal-emissjonijiet waqt temperaturi normali u matul il-parti kbira tas-sena jikkostitwixxi tagħmir ta' manipulazzjoni pprojbit

Deutsche Umwelthilfe, assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-ambjent li għandha dritt, taħt il-liġi Ġermaniża, tikkontesta quddiem il-Qorti Amministrattiva ta' Schleswig-Holstein id-deċiżjoni tal-Uffiċċju Federali Ġermaniż għat-Traffiku tal-Vetturi bil-Mutur li tawtorizza, għal ċerti vetturi tat-trade mark Volkswagen¹, l-użu ta' software li jnaqqas ir-riċirkolazzjoni tal-gassijiet li jniġġsu skont it-temperatura esterna.

Is-software inkwistjoni jistabbilixxi tieqa tat-temperaturi li abbażi tagħha r-rata ta' riċirkolazzjoni tal-gassijiet li jintremgħu tkun 0 % meta t-temperatura esterna tkun inqas minn -9°C, 85 % meta tinsab bejn -9° u 11°C u tiżdied lil hinn minn 11°C sabiex tkun 100 % operattiva unikament f'temperatura esterna oġġla minn 15°C. Għalhekk, ir-rata ta' riċirkolazzjoni tal-gassijiet li jintremgħu tonqos għal 85 % meta t-temperaturi medji kkonstatati fil-Ġermanja li, għas-sena 2018, kienet 10.4°C, jintlaħqu.

Skont id-Deutsche Umwelthilfe, tali tieqa tat-temperaturi tikkostitwixxi tagħmir ta' manipulazzjoni pprojbit mid-dritt tal-Unjoni.

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li kontra tagħha r-rikors ġie ppreżentat, issostni li Deutsche Umwelthilfe ma għandhiex dritt taġixxi kontra d-deċiżjoni kkontestata, li temenda approvazzjoni tat-tip CE, b'mod li r-rikors tagħha huwa inammissibbli. Barra minn hekk, it-tieqa tat-temperaturi inkwistjoni hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Billi kellha dubji dwar dawn iż-żewġ punti, il-Qorti Amministrattiva ta' Schleswig-Holstein talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta, minn naħa, il-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infommazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, moqri flimkien mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u, min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 715/2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal infommazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb, **l-ewwel, li l-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqrija flimkien mal-Karta**, għandha tiġi interpretata fis-sens li **tipprekludi li assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-**

¹ Dawn huma vetturi ta' mudell VW Golf Plus TDI, mgħammra b'magna diżil ta' tip EA 189 tal-ġenerazzjoni Euro 5.

ambjent li jkollha dritt tidher quddiem qorti taħt id-dritt nazzjonali, ma tkunx tista' tikkontesta quddiem qorti nazzjonali deċiżjoni amministrattiva li tagħti jew li temenda approvazzjoni tat-tip CE li tista' tmur kontra l-projbizzjoni tal-użu ta' tagħmir ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet.

Fil-fatt, il-Konvenzjoni ta' Aarhus, moqrija flimkien mal-Karta, tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tipprojbixxihom milli jċaħħdu lil tali assoċjazzjonijiet minn kull possibbiltà li tiġi vverifikata l-osservanza ta' ċerti regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-ambjent.

It-tieni, f'dak li jirrigwarda t-tieqa tat-temperaturi inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li hija diġà ddeċidiet, fir-rigward ta' tieqa tat-temperaturi identika², li **tagħmir li ma jiżgurax l-osservanza tal-valuri limitu ta' emissjonijiet ħliet meta t-temperatura esterna tkun bejn 15° u 33°C** u li l-altitudni ta' sewqan tkun inqas minn 1 000 metru **jikkostitwixxi "tagħmir ta' manipulazzjoni"**.

Skont ir-Regolament Nru 715/2007, l-użu ta' tagħmir ta' manipulazzjoni li jnaqqas l-effettività tas-sistemi ta' kontroll tal-emissjonijiet huwa pprojbit. Madankollu, **tagħmir ta' manipulazzjoni jista'**, bħal ma l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, **eċċezzjonalment jiġi ġġustifikat jekk jiġi stabbilit li dan it-tagħmir jissodisfa strettament il-bżonn li jiġu evitati r-riskji immedjati ta' ħsara jew ta' inċident tal-magna, ikkawżati minn nuqqas ta' funzjonament ta' komponent tas-sistema ta' riċirkolazzjoni tal-gassijiet li jintremgħu, ta' gravità tali li joħolqu perikolu konkret matul is-sewqan tal-vettura mġhammra bl-imsemmi tagħmir**. F'dan il-każ, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ.

Minbarra dan, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, **tali "bżonn"** li jintuża t-tagħmir ta' manipulazzjoni **jeżisti unikament meta**, fil-mument tal-approvazzjoni tat-tip CE ta' dan it-tagħmir jew tal-vettura li tkun mġhammra bih, **ebda soluzzjoni teknika oħra ma tippermetti li jiġu evitati riskji immedjati ta' ħsara jew ta' inċident tal-magna li jiġġeneraw perikolu konkret matul is-sewqan tal-vettura**.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, anki jekk il-bżonn deskritt iktar 'il fuq kien jeżisti, **it-tagħmir ta' manipulazzjoni ikun ipprojbit li kieku kellu, f'kundizzjonijiet normali ta' sewqan, jiffunzjona matul il-parti kbira tas-sena**. Fil-fatt, li jiġi aċċettat tali tagħmir jista' jwassal li l-eċċezzjoni tiġi applikata iktar ta' spiss mill-projbizzjoni u għalhekk iwassal għal preġudizzju sproporzjonat għall-prinċipju stess tal-limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu (NOx).

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) u [s-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

² Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Lulju 2022, GSMB Invest, [C-128/20](#), Volkswagen, [C-134/20](#), kif ukoll Porsche Inter Auto u Volkswagen, [C-145/20](#) (ara wkoll [SS Nru 124/22](#)).

Ibqgħu konnessi!

